

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U  
AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

dwar informazzjoni relatata mar-riskji u man-nuqqas ta' konformità fil-kuntest ta' rieżamijiet  
perjodiċi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793

(2022/C 265/01)

1. **Introduzzjoni**

Dan l-Avviż tal-Kummissjoni jispjega l-kriterji u l-kunsiderazzjonijiet rilevanti, fil-kuntest tar-rieżamijiet perjodiċi skont l-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 <sup>(1)</sup>. L-għan ta' dan l-Avviż huwa li jagħmel il-proċess trasparenti għaċ-ċittadini, għall-operaturi tan-negozju, u għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, kemm fl-Unjoni kif ukoll f'territorji u f'pajjiżi terzi minn fejn l-ikel u l-għalf ta' oriġini mhux mill-annimali soġġetti għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jiġu importati fl-Unjoni.

Dan l-Avviż huwa maħsub biex jassisti liċ-ċittadini, lill-operaturi tan-negozju u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex jifhmu aħjar l-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni biss għandha l-kompetenza li tinterpreta d-dritt tal-Unjoni. Il-fehmiet espressi f'dan l-Avviż ma jippreġudikawx il-pożizzjoni li tista' tiegħu l-Kummissjoni quddiem il-Qrati tal-Unjoni u dawk nazzjonali.

2. **Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793**

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jistabbilixxi regoli dwar iż-żieda temporanja tal-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi, abbażi tas-setgħat ipprovduti fl-Artikolu 47(2)(b) u fl-Artikolu 54(4)(a) u (b) tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, kif ukoll fl-Artikolu 53(1)(b) tar-Regolament (UE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1793 tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar iż-żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u miżuri ta' emerġenza li jirregolaw id-dħul fl-Unjoni ta' ċerti oġġetti minn ċerti pajjiżi terzi, u li jimplementa r-Regolamenti (UE) 2017/625 u (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 277, 29.10.2019, p. 89).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

L-objettiv tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 huwa li jipproteġi lill-konsumaturi tal-Unjoni minn riskji tas-saħħa magħrufa jew minn dawk emerġenti, jew minħabba li jkun hemm evidenza ta' nuqqas ta' konformità serju mifrux mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari (ara l-Artikolu 1(2)(a) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/625 għall-ikel u l-għalf ta' orijini mhux mill-annimali). Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jipprevedi approċċ armonizzat għall-kontrolli uffiċjali fuq ċertu ikel u għalf ta' orijini mhux mill-annimali li jidħol fl-Unjoni u huwa maħsub biex jiżgura l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari għal dawn il-komoditajiet.

Il-komoditajiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi u li huma soġġetti għal żieda temporanja fil-kontrolli, fil-miżuri ta' emerġenza jew għal sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni huma elenkati fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793. Il-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u tal-kontrolli fiżiċi fuq il-komoditajiet soġġetti għal żieda temporanja fil-kontrolli u fil-miżuri ta' emerġenza hija stabbilita fil-waqt li jitqies, b'mod partikolari, il-livell ta' riskju assoċjat mal-periklu li jkun qiegħed jiġi kkunsidrat, in-nuqqasijiet ta' konformità identifikati matul il-kontrolli uffiċjali mill-awtoritajiet kompetenti fis-suq intern, u l-frekwenza reali tar-rifjut fil-fruntiera. Skont il-periklu speċifiku, se jkun hemm bżonn li jitqiesu kriterji differenti u l-piż relattiv tal-kriterju se jvarja wkoll (ara, it-taqsimiet 3.1 u 3.2.2, hawn taħt).

L-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jelenkaw ikel u għalf ta' orijini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi u l-miżuri korrispondenti, kif ġej:

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jelenka ikel u għalf ta' orijini mhux mill-annimali minn ċerti pajjiżi terzi soġġetti għal żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali mad-dħul tagħhom fl-Unjoni.

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jelenka ikel u għalf soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali, eż., ir-reqwiżit li jiġi pprovdut ċertifikat u li jiġu pprovduti riżultati uffiċjali ta' analiżi tal-laboratorju, li jirregolaw id-dħul tagħhom fl-Unjoni minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni mill-mikotossini, inklużi l-aflatossini, ir-residwi tal-pestiċidi, il-pentaklorofenol u d-diossini, u ta' kontaminazzjoni mikrobijoloġika.

L-Anness IIa tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jelenka ikel u għalf ta' orijini mhux mill-annimali li għalihom l-importazzjoni fl-Unjoni hija sospiża.

L-Anness II u IIa jikkostitwixxu miżuri ta' emerġenza skont it-tifsira tal-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

Il-komoditajiet huma elenkati abbażi tal-pajjiżi tal-orijini, id-deskrizzjoni tal-komodità, il-kombinazzjoni tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (NM) u tal-klassifikazzjoni tat-Tariffa Integrata tal-Unjoni Ewropea (TARIC), u l-periklu tagħhom. Il-komoditajiet minn pajjiżi terzi jistgħu, fl-istess ħin, ikunu soġġetti għal żieda temporanja fil-kontrolli uffiċjali u/jew fil-miżuri ta' emerġenza (ħlief għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni) għal aktar minn periklu wieħed.

L-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrieżamina l-listi stabbiliti fl-Annessi fuq bażi regolari, u li ma taqbiżx is-6 xhur, fid-dawl ta' informazzjoni ġdida relatata mar-riskji u man-nuqqas ta' konformità. Barra minn hekk, f'każ ta' riskju emerġenti, jew fejn ikun hemm evidenza ta' nuqqas ta' konformità serju mifrux mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-katina agroalimentari, miżura ta' salvagwardja li tvarja minn kundizzjonijiet speċjali tal-importazzjoni (elenkar tal-komodità fl-Anness I jew fl-Anness II) sa sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni (elenkar fl-Anness IIa) tista' tiġi imposta fi kwalunkwe mument b'reazzjoni għal riskji imminenti, irrispettivament mir-rieżamijiet regolari.

L-emendi meħtieġa għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 huma adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58(2) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 u fl-Artikolu 145(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Jistgħu jkunu meħtieġa perjodi ta' tranżizzjoni biex jippermettu d-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' komoditajiet li jintbagħtu mill-pajjiż tal-orijini qabel ma tidħol fis-seħħ emenda għar-Regolament. Dawn il-perjodi jippermettu lill-operaturi u lill-pajjiżi terzi jadattaw għar-reqwiżiti stabbiliti fir-Regolament li jemenda l-komoditajiet elenkati fl-Annessi, u, fejn meħtieġ, lill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi jorganizzaw sistema ta' ċertifikazzjoni. F'ċerti sitwazzjonijiet, abbażi tal-livell ta' riskju, jista' ma jkun hemm l-ebda perjodu ta' tranżizzjoni pprovdut.

### 3. Passi tar-rieżami f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793

#### 3.1. Perikli inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793

Il-komoditajiet huma elenkati abbażi tal-kombinazzjoni tal-orijini/tal-kodiċi NM/tal-periklu.

Il-lista ta' perikli li jistgħu jkunu l-bażi għaż-żieda fil-kontrolli uffiċjali jew fil-miżuri ta' emerġenza fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1793 ma hijiex eżawrjenti. Bħalissa r-Regolament ta' Implimentazzjoni jinkludi, fost l-oħrajn, il-perikli li ġejjin:

- (a) Mikrobijoloġiċi: *Salmonella*;
- (b) Kimiċi:
  - (i) Kontaminanti: aflatossini, pentaklorofenol u diossini;
  - (ii) Residwi ta' pestiċidi: ir-residwi tal-pestiċidi elenkati fil-programm ta' kontroll pluriennali kkoordinat tal-Komunità, adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005<sup>(4)</sup>, u residwi oħra tal-pestiċidi, pereżempju amitraz, nikotina, tolfenpirad, diafentjuron, dikofol, ditijokarbamati, dinotefuran, folpet, prokloraż, tijofanat-metil, triforina, aċefat, fentoat, klorbufam, formetanat, protijofos, kwinalfos, karbofuran, metrafenon;
  - (iii) Perikli oħra: Żebgħat tas-Sudan, rodamina B, sulfiti, ċjanur, ossidu tal-etilen.

Il-lista ta' perikli ta' hawn fuq tista' tiġi estiża f'ċertu stadju fejn ikun hemm bżonn li jiġu introdotti ċerti komoditajiet minn ċerti pajjiżi għal periklu partikolari, għalhekk il-lista pprovduta ma hijiex eżawrjenti, huma biss il-perikli attwali li jissemew f'dan l-Avviż.

### 3.2. Ġbir ta' informazzjoni

Is-sorsi ta' informazzjoni, l-informazzjoni miksuba u l-perjodu ta' referenza għall-ġbir ta' informazzjoni għal kull komodità deskritta hawn taħt.

#### 3.2.1 Sorsi ta' informazzjoni

Jintużaw diversi sorsi ta' informazzjoni biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa fil-kuntest tal-valutazzjoni ta' emendi possibbli tar-Regolament (UE) 2019/1793:

- (a) Informazzjoni skambjata bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri – proposti għal listi ġodda ta' kombinazzjonijiet tal-prodotti/tal-perikli, kummenti, talbiet għal emendi;
- (b) Informazzjoni riċevuta minn pajjiżi terzi, azzjonijiet meħuda minn pajjiżi terzi biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni;
- (c) Informazzjoni dwar il-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni f'pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 120 tar-Regolament (UE) 2017/625 – rapporti tal-awditjar;
- (d) Informazzjoni mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA);
- (e) Rekords tar-riżultati tal-kontrolli uffiċjali fis-sistema TRACES-NT.

#### 3.2.2 Informazzjoni miksuba għal kull komodità

- (a) L-eżitu tal-kontrolli uffiċjali mwettqa mill-Istati Membri fuq il-komoditajiet elenkati, irreġistrat fi TRACES-NT:
  - (i) L-għadd totali ta' kunsinni ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali importati fl-Unjoni;
  - (ii) L-għadd totali ta' kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fuq kunsinni ta' ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali importati fl-Unjoni;
  - (iii) L-għadd totali ta' riżultati ta' kontroll mhux favorevoli identifikati matul il-kontrolli fiżiċi (analiżi tal-laboratorju) għall-periklu speċifiku li għalih hija elenkata l-komodità;
  - (iv) Il-perċentwal ta' riżultati ta' kontroll mhux favorevoli fir-rigward tal-għadd ta' kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi fuq kunsinni għall-periklu li għalih hija elenkata l-komodità;

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).

- (b) Notifiki sottomessi fis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) u n-nuqqas ta' konformità tas-Sistema ta' Assistenza u Kooperazzjoni Amministrattiva (AAC) u s-sistemi ta' frodi tal-ikel tal-AAC: l-għadd ta' notifiki ta' rifjut fil-fruntiera tal-RASFF u notifiki ta' nuqqas ta' konformità tal-AAC u ta' frodi tal-ikel tal-AAC għall-kombinazzjonijiet tal-orijini/tal-prodott/tal-periklu;
- (c) Il-volumi tal-kummerċ għall-komoditajiet ikkonċernati kif ipprovduti mill-EUROSTAT.

### 3.2.3 *Perjodu ta' referenza għall-ġbir ta' informazzjoni*

Il-perjodu ta' referenza biex il-Kummissjoni tiġbor l-informazzjoni deskritta fil-punt 3.2.2. għal kull komodità jikkorrispondi għas-semestru sħiħ (fis-sena ta' qabel jew matul l-istess sena) qabel ma jinbeda proċess ġdid ta' rieżami. Il-perjodu (semestru) ta' referenza huwa minn Jannar sa Ġunju, u minn Lulju sa Diċembru ta' sena partikolari. Żviluppi u xejriet aktar reċenti jitqiesu fejn ikunu rilevanti fil-kuntest tal-valutazzjoni ta' xejriet speċifiċi, sabiex tiġi żgurata deċiżjoni infurmata bis-sħiħ. Għall-komoditajiet li għandhom jiġu elenkati mill-ġdid fl-Annessi, tista' titqies l-informazzjoni minn diversi semestri.

## 3.3. **Analiżi tal-informazzjoni**

### 3.3.1. *Passi tal-proċess tal-analiżi tal-informazzjoni*

Il-proċess ta' rieżami regolari jibda bil-ġbir tal-informazzjoni rilevanti kif deskritt fil-punt 3.2.3 u bl-analiżi tal-informazzjoni disponibbli. Ir-riżultati tal-analiżi, rieżami tal-kombinazzjoni tal-orijini/tal-komodità/tal-periklu u l-emendi proposti għall-Annessi huma diskussi mal-Istati Membri fi grupp ta' ħidma tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (PAFF). Ir-riżultati miftiehma mal-Istati Membri huma sottomessi għall-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (PAFF) <sup>(?)</sup> għall-opinjoni tal-Istati Membri.

### 3.3.2. *Kunsiderazzjonijiet għall-analiżi tal-informazzjoni*

Matul il-valutazzjoni tal-informazzjoni miġbura għal emendi possibbli tar-Regolament (UE) 2019/1793 jitqiesu diversi fatturi.

L-analiżi hija bbażata fuq l-informazzjoni kollha miġbura kif imsemmi fil-punt 3.2.2. dwar komodità partikolari. Madankollu, issir valutazzjoni każ b'każ skont il-kombinazzjoni tal-orijini/tal-komodità/tal-periklu. B'mod partikolari, jistgħu jinżammu miżuri anki jekk il-kummerċ reali jkun waqaf, fejn ma jkun hemm l-ebda evidenza ta' titjib fil-ġestjoni tar-riskju, fir-rigward tal-periklu rilevanti, il-periklu fil-post tal-orijini tal-komodità u, għalhekk, bl-informazzjoni disponibbli, jibqa' r-riskju ta' komoditajiet mhux sikuri li jiġu esportati lejn l-Unjoni.

Ix-xejriet tal-kummerċ staġunali, ix-xejriet tul iż-żmien u l-volumi tal-kummerċ huma fost il-fatturi meqjusa.

Fejn tiġi identifikata kwistjoni potenzjalment sistemika f'pajjiż terz, li tmur lil hinn mis-sejbiet relatati mar-responsabbiltà ta' operatori individwali għall-konformità tal-esportazzjonijiet tagħhom mar-regoli tal-Unjoni u fejn l-Istati Membri jirrapportaw livelli ta' nuqqas ta' konformità li ma jitjibux b'mod sinifikanti, tiġi introdotta reazzjoni armonizzata u gradwali, skont l-ambitu tal-problema u l-ġestjoni prevedibbli:

- (a) l-elenkar fl-Anness I/ iż-żieda fil-frekwenza tal-kontrolli għall-prodotti diġà elenkati fl-Anness I (bħala miżura li taffettwa lill-operatori li jimportaw kunsinni ta' ikel u għalf ta' orijini mhux mill-annimali fl-Unjoni u indirettament fil-pajjiżi terzi);
- (b) l-elenkar fl-Anness II/ jiġu introdotti kundizzjonijiet speċjali ta' importazzjoni fejn titqiegħed responsabbiltà speċifika fuq l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi esportaturi, permezz ta' obbligu għalihom li jittestjaw fl-orijini u jiċertifikaw il-konformità tal-kunsinni mar-regoli tal-Unjoni;
- (c) l-elenkar fl-Anness IIa/ fejn l-ikel jew l-għalf ta' orijini mhux mill-annimali importat fl-Unjoni jikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent, is-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti komoditajiet tista' tiġi imposta bħala l-aktar miżura stretta, minħabba kwistjonijiet serji/rikorrenti tas-saħħa u/jew kwistjonijiet sistemiċi mhux solvuti.

<sup>(?)</sup> Kumitati PAFF (europa.eu)

### 3.4. **Emendi possibbli li jirriżultaw mill-analiżi tal-informazzjoni**

Id-deċiżjonijiet għal kull komodità individwali huma bbażati fuq analiżijiet tal-informazzjoni u fuq diskussjoni mal-Istati Membri matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar miżuri temporanji għall-importazzjoni ta' ikel u għalf ta' orġini mhux mill-annimali. Id-deċiżjoni tittieħed fuq bażi ta' każ b'każ għal kull komodità individwali, filwaqt li titqies kombinazzjoni multifattorzjali ta' periklu, frekwenza tan-nuqqas ta' konformità, volumi kummerċjali, ambitu tal-problema u t-tbassir għall-geżjoni sodisfaċenti tagħha.

Id-deċiżjonijiet possibbli dwar l-emenda tal-Annessi tar-Regolament (UE) 2019/1793 huma kif ġej:

- (a) L-inklużjoni ta' komodità f'Anness;
- (b) It-tħassir ta' komodità minn Anness;
- (c) It-tħassir ta' komodità minn Anness wieħed u l-moviment għal Anness ieħor;
- (d) Il-bidliet fil-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi meħtieġa mad-dħul fl-Unjoni: żieda jew tnaqqis. Il-frekwenzi huma stabbiliti għal 5 %, 10 %, 20 %, 30 %, u 50 %.

Il-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi tista' tvarja fuq bażi ta' każ b'każ fuq kombinazzjoni ta' fatturi multipli deskritti fil-punti 3.1 u 3.2, hawn fuq, u bi qbil mal-Istati Membri matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma.

### 3.5. **Proċedura**

L-abbozz ta' att emendatorju, imħejji abbażi tal-analiżi tal-informazzjoni u l-eżitu tad-diskussjonijiet mal-Istati Membri matul il-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma, huwa sottomess għall-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (PAFF). L-abbozz ta' att emendatorju, wara li jirċievi opinjoni favorevoli fil-votazzjoni tal-Kumitat tal-PAFF, jiġi adottat mill-Kummissjoni u ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU). Fil-perjodu minn meta tirċievi opinjoni favorevoli tal-Kumitat tal-PAFF sa qabel l-adozzjoni mill-Kummissjoni, il-Kummissjoni, permezz ta' ittra, tinforma lill-pajjiż terz ikkonċernat dwar il-bidliet previsti (eż., inklużjoni/tneħħija mill-Annessi, bidliet fil-frekwenza tal-kontrolli tal-identità u dawk fiżiċi) għall-komoditajiet elenkati fl-Annessi tal-abbozz ta' att emendatorju. Wara l-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tissottometti notifika sanitarja u fitosanitarja (SPS) lill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

## 4. **Glossarju**

AAC	Is-Sistema ta' Assistenza u Kooperazzjoni Amministrattiva (AAC) hija sistema żviluppata u geżjita mill-Kummissjoni fejn il-membri tan-Network tal-Frodi Alimentari tal-Unjoni jiskambjaw informazzjoni. Stat Membru jista' jikkuntattja lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor u jikkondividi l-informazzjoni b'mod sigur, u dan jista' jwassal għal azzjonijiet amministrattivi, sanzjonijiet amministrattivi jew proċedimenti ġudizzjarji. Hija ġiet integrata bis-sħiħ fis-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) fl-2020.
Konformità	Konformità mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.
Il-Kodiċi NM	Il-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda (kodiċi NM) huwa għodda għall-klassifikazzjoni tal-oġġetti stabbilita biex tissodisfa r-rekwiżiti kemm tat-Tariffa Doganali Komuni kif ukoll tal-istatistika tal-kummerċ estern tal-Unjoni. Jintuża prinċipalment meta l-oġġetti jiġu ddikjarati lid-dwana fl-Unjoni, u jiddetermina liema rata ta' dazju doganali tapplika. Dan jikkorrispondi għan-nomenklatura ta' oġġetti, kif stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87. Dan jinkludi n-nomenklatura tas-sistema armonizzata.
Klassifikazzjoni TARIC	Din tikkorrispondi għal tariffa integrata tal-Unjoni, ibbażata fuq in-nomenklatura magħquda. Din tinkludi, fost l-oħrajn, suddiviżjonijiet addizzjonali, imsejħa s-"subintestaturi TARIC", li huma meħtieġa għad-deskrizzjoni tal-oġġetti soġġetti għall-miżuri speċifiċi tal-Unjoni, u r-rati tad-dazju doganali u imposti oħra applikabbli, kif definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87.

Kunsinna	Din tikkorrispondi għall-kwantità ta' oġġetti koperti mill-istess ċertifikat uffiċjali, attestazzjoni uffiċjali jew kwalunkwe dokument ieħor, imwassa bl-istess mezz ta' trasport u li jkunu ġejjin mill-istess territorju jew pajjiż terz, u, ħlief għal oġġetti soġġetti għar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2017/625, li jkunu tal-istess tip, klassi jew deskrizzjoni, kif definit fl-Artikolu 3(37) tar-Regolament (UE) 2017/625.
EFSA	L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) hija aġenzija Ewropea stabbilita fl-2002 mill-Unjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 178/2002. Hija responsabbli għall-valutazzjoni tar-riskji tul il-katina alimentari, u għall-għoti ta' pariri xjentifiċi indipendenti lil dawk li jeħdu d-deċiżjonijiet biex jirregolaw is-sikurezza alimentari fl-Unjoni. Hija topera b'mod indipendenti mill-istituzzjonijiet leġiżlattivi u eżekuttivi Ewropej (il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament) u mill-Istati Membri tal-Unjoni.
Dħul fl-Unjoni	L-azzjoni li l-oġġetti jiddaħħlu f'wieħed mit-territorji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/625 minn barra dawn it-territorji, kif definit fl-Artikolu 3(40) ta' dan ir-Regolament.
UE	L-Unjoni Ewropea
EUROSTAT	Il-Eurostat huwa l-uffiċċju tal-istatistika tal-Unjoni. Dan jikkoordina l-attivitàjiet statistiċi fil-livell tal-Unjoni u jipprovdi statistika u <i>data</i> ta' kwalità għolja dwar l-Unjoni.
Ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali	Il-kliem "ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali" jirreferi għal "ikel" li tfisser kull sustanza jew prodott, sew jekk ipproċessat, parzjalment ipproċessat jew mhux ipproċessat, maħsub li jkun, jew raġonevolment mistenni li jittiekel mill-bniedem kif definit fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002; u "għalf" tfisser kull sustanza jew prodott, inklużi addittivi, sew jekk ipproċessati, parzjalment ipproċessati jew li mhux ipproċessati, maħsuba biex jintużaw għat-tmigħ mill-ħalq lill-annimali, kif definit fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, li joriġinaw mill-pjanti (eż. frott u ħaxix, ħwawar, te), jew ta' kwalunkwe oriġini oħra mhux mill-annimali, bħal minerali (melħ).
Periklu	Kwalunkwe aġent jew kundizzjoni li potenzjalment ikollha effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, fuq it-trattament xieraq tal-annimali jew fuq l-ambjent, kif definit fl-Artikolu 3(23) tar-Regolament (UE) 2017/625.
Importazzjoni ta' ikel u għalf	L-importazzjoni ta' ikel u għalf tirreferi għal ikel u għalf mhux tal-Unjoni ta' oriġini mhux mill-annimali maħsub biex jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni jew li huwa maħsub għall-użu jew għall-konsum privat fit-territorju doganali tal-Unjoni.
Kontrolli uffiċjali	Il-kontrolli uffiċjali huma ddefiniti fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2017/625 bħala attivitàjiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti, jew mill-korpi delegati jew mill-persuni fiżiċi li jkunu ġew inkarigati b'ċerti kompiti ta' kontroll uffiċjali f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/625, sabiex tiġi vverifikata (a) il-konformità mill-operaturi ma' dak ir-Regolament u mar-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2); u (b) li l-annimali jew l-oġġetti jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), inkluż għall-ħruġ ta' ċertifikat uffiċjali jew attestazzjoni uffiċjali.
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea	Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huwa l-gazzetta tar-reġistru għall-Unjoni Ewropea.
PAFF	Il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf (il-Kumitat tal-PAFF) huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u huwa ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni, u għandu rwol ewlieni fl-iżgurar li l-miżuri tal-Unjoni dwar is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, kif ukoll is-saħħa tal-pjanti, ikunu prattiċi u effettivi. Dan jagħti opinjonijiet dwar abbozzi ta' miżuri li l-Kummissjoni tkun beħsiebha tadotta. Il-mandat tal-Kumitat tal-PAFF ikopri l-katina kollha tal-provvista tal-ikel - minn kwistjonijiet dwar is-saħħa tal-annimali fuq il-farm għall-prodott fuq il-mejda tal-konsumatur - u jgħin lill-Unjoni tindirizza b'mod effettiv ir-riskji għas-saħħa f'kull stadju tal-katina tal-produzzjoni.

Tqegħid fis-suq	It-tqegħid fis-suq huwa ddefinit fl-Artikolu 3 il-punt (8) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 bħala ż-żamma ta' ikel jew għalf għall-għanijiet ta' bejgħ, inkluża l-offerta għall-bejgħ jew xi forma oħra ta' trasferiment, sew jekk bi ħlas u sew jekk le, u l-bejgħ, it-tqassim, u forom oħra ta' trasferiment innifsu.
RASFF	Is-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) hija stabbilita mill-Artikolu 50 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 bħala sistema ta' twissija rapida għan-notifika ta' riskju dirett jew indirett għas-saħħa tal-bniedem li jkun ġej mill-ikel jew mill-għalf, u tikkorrispondi għal network li jnvolvi lill-Istati Membri tal-Unjoni, il-Kummissjoni bħala membru u maniġer tas-sistema, l-EFSA. Din tinvolvi wkoll lill-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA. It-tipi differenti ta' notifiċi huma ddefiniti fl-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1715. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll miżuri ta' implimentazzjoni għat-tħaddim effiċjenti tal-RASFF. In-notifiċi tal-RASFF ikklassifikati bħala rifjut fil-fruntiera jikkonċernaw kunsinni ta' ikel, għalf jew materjal li jiġi f'kuntatt mal-ikel, li d-dħul tagħhom fl-Unjoni jkun ġie rrifjutat minn awtorità kompetenti f'post fil-fruntiera fl-Unjoni minħabba riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent.
Riskju	Funzjoni tal-probabbiltà ta' effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, fuq it-trattament xieraq tal-annimali jew fuq l-ambjent u tas-severità ta' dak l-effett, b'konsegwenza ta' periklu, kif definit fl-Artikolu 3(24) tar-Regolament (UE) 2017/625.
SPS	Sanitarji u fitosanitarji (SPS)
TRACES-NT	Is-Sistema tal-Kontroll tal-Kummerċ u tal-Esperti Veterinarji (TRACES) hija l-pjattaforma ta' ċertifikazzjoni sanitarja u fitosanitarja online multilingwi tal-Kummissjoni li tappoġġa l-importazzjoni ta' annimali, prodotti tal-annimali, ikel u għalf ta' oriġini mhux mill-annimali u pjanti fl-Unjoni, u l-kummerċ intra-Unjoni u l-esportazzjonijiet tal-Unjoni ta' annimali u ċerti prodotti tal-annimali. Ir-rilaxx il-ġdid tal-għodda msejħa TRACES New Technology (TRACES-NT) fih Prattiki ta' ċertifikazzjoni elettronika billi jippermetti kemm lill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni kif ukoll lil dawk ta' pajjiżi terzi jittimbraw dokumenti u ċertifikati uffiċjali b'mod diġitali jew jiffirmaw deċiżjoni meħuda dwar kunsinna, u b'hekk, ma jibqax il-bżonn ta' ċertifikazzjoni stampata.
WTO	L-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tittratta r-regoli globali tal-kummerċ bejn in-nazzjonijiet. Il-funzjoni ewlenija tagħha hija li tiżgura li l-flussi kummerċjali jimxu kemm jista' jkun mingħajr xkiel, b'mod prevedibbli u ħieles. Skont id-WTO, il-Ftehim SPS jiddikjara li l-pajjiżi għandhom jinnotifikaw il-bidliet fil-miżuri SPS tagħhom. Il-miżuri SPS huma kwalunkwe miżura applikata (i) għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali minn riskji li jinħolqu minn addittivi, kontaminanti, tossini jew organiżmi li jikkawżaw mard fl-ikel, fix-xorb jew fl-għalf; (ii) għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-bniedem minn riskji li jinħolqu minn mard li jinġarr minn annimali, pjanti jew prodotti tagħhom, jew mid-dħul, mill-istabbiliment jew mit-tixrid ta' pesti; (iii) għall-protezzjoni tal-ħajja jew tas-saħħa tal-annimali jew tal-pjanti minn riskji li jinħolqu mid-dħul, mill-istabbiliment jew mit-tixrid ta' pesti, ta' mard, ta' organiżmi li jgħorru l-mard jew ta' organiżmi li jikkawżaw il-mard; jew (iv) biex tiġi evitata jew limitata ħsara oħra mid-dħul, mill-istabbiliment jew mit-tixrid ta' pesti. Il-ftehim jiddikjara li: <i>Il-miżuri sanitarji jew fitosanitarji jinkludu l-liġijiet, id-digrieti, ir-regolamenti, ir-rekwiżiti u l-proċeduri kollha rilevanti inklużi, fost l-oħrajn, il-kriterji tal-prodott finali; il-proċessi u l-metodi tal-produzzjoni; il-proċeduri tal-ittestjar, tal-ispezzjoni, taċ-ċertifikazzjoni u tal-approvazzjoni; trattamenti ta' kwarantana, inklużi r-rekwiżiti rilevanti assoċjati mat-trasport ta' annimali jew pjanti, jew mal-materjali meħtieġa għas-sopravvivenza tagħhom matul it-trasport; id-dispożizzjonijiet dwar il-metodi statistiċi rilevanti, il-proċeduri ta' kampjunar u l-metodi ta' valutazzjoni tar-riskju; u r-rekwiżiti tal-imballaġġ u tat-tikkettar direttament relatati mas-sikurezza alimentari.</i> Il-ftehim SPS jirrikjedi li l-pajjiżi jinnotifikaw lid-WTO dwar regolamenti sanitarji u fitosanitarji ġodda proposti jew modifiki għar-regolamenti eżistenti kull meta: (i) standard, linja gwida jew rakkomandazzjoni internazzjonali ma tkunx teżisti, jew; (ii) il-kontenut ta' regolament SPS propost ma jkunx sostanzjalment l-istess bħall-kontenut ta' standard, linja gwida jew rakkomandazzjoni internazzjonali, u, fiż-żewġ każijiet, jekk; (iii) ir-regolament jista' jkollu effett sinifikanti fuq il-kummerċ ta' pajjiżi oħra.